KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 346**

**T-Tnejn 25 ta' Settembru, 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fil-Ħamsa ta' Waranofsinar.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**346.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

346.1.1 Inqrat l-ittra t'appoloġija tal-Kunsillier Clayton Cutajar.

**346.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

346.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 345. Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 345 jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**346.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

346.3.1 Is-Sindku aġġornat lil Kunsill dwar il-proġett tal-housing estate fejn qalet li saret il-laqgħa pubblika u numru ta' residenti attendew fi Triq Dun Manwel Zammit. Hi qalet ukoll li fil-ġranet li ġejjin se tintbagħat il-petizzjoni li nġabret lil ministru konċernat.

346.3.2 Is-Sindku nfurmat lil Kunsilliera li x-xogħlijiet fi Triq Kilpa wasslu f'punt fejn is-sistema tad-dranagg tlestiet u li Transport Malta (TM) kienet qed tistenna lir-residenti tal-madwar iqabbdu mas-sistema tad-dranaġġ il-ġdida. TM talbet lil Kunsill jgħin fl-iffaċċilitar tal-komunikazzjoni mar-residenti biex ikun spjegat lilhom l-importanza li jqabbdu mas-sistema llum qabel ma t-Triq tkun ingħatat wiċċ ġdid. Is-Sindku spjegat li l-Kunsill Lokali hu nfurmat li min ma jqabbadx id-drenaġġ f'dan l-istadju mhux se jibqa' jkollu is-servizz ta' tbattil tal-fossa tad-drenaġġ għaliex il-Water Services mhux se tibqa tagħmel din l-ispiża ta' tbattil tal-fossa, ġaladarba issa hemm sistema ġdida u iktar moderna ta' drenaġġ fit-Triq. Hi ssuġeriet ukoll li l-Kunsill Lokali ma jidħolx fi spejjeż ta' tiswijiet fit-Triq jekk ikun hemm xi sidien fit-Triq li jagħżlu li ma jqabbdux is-servizz tagħhom tad-drenaġġ u jiddeċiedu li jagħmlu dan ftit xhur jew snin wara li titlesta' t-Triq. Hi qalet li dan japplika biss għal min kellu din l-għażla issa u mhux għal xi residenzi ġodda li għad forsi jinbnew jew isiru fil-futur. Is-Sindku ssuġeriet li r-residenti jkunu nfurmati dwar dan kollu permezz ta' ittra u laqgħa.

Il-Kunsill qabel mas-suġġerimenti tas-Sindku u ġie deċiż li ssir laqgħa mar-residenti ta' Triq Kilpa.

**346.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

346.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**346.5 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eeżekuttiv**

346.5.1 Is-Sindku pproponiet li għat tlett xhur li ġejjin il-Kunsill tiġġedded il-ħatra tas-Sa Ritienne Giorgino bħala Deputat Segretarju Eekuttiv. Il-Kunsill

qabel b'mod unanimu.

**346.6 Proposta mid-Door Numbering Unit għal Triq Santa Margerita.**

346.6.1 Is-Sindku qalet li rċeviet talba mid-door numbering unit biex isir innumer mill-ġdid ta' Triq Santa Margerita kollha. Il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa biex ikunu spjegati f'aktar dettal il-problemi li hemm biex iwasslu għal dan it-tibdil filwaqt li qabel li fil-prinċipju li m'għandhomx jinbiddlu n-numri kollha tat-triq minħabba l-inkonvenjent li dan iġib miegħu għar-residenti.

**346.7 Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena**

346.7.1 Is-Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq ir-rapport. Is-Segretarju ppreżenta lil kunsill r-rapport hekk kif ivverifikat mill-accountant tal-kunsill. Il-kunsill approva r-rapport b'mod unanimu.

**346.8 Diskussjoni Dwar Applikazzjoni PA6889/17.**

346.8.1 Is-Sindku qalet li numru ta' residenti kienu avviċinawha dwar Applikazzjoni numru PA6889/17 "proposed extension of outdoor catering area on public open space comprising of tables, chairs and extension to existing pavement" fi Triq San Nikola. Is-Sindku talbet li tissospendi l-laqgħa sabiex jitkellmu r-residenti preżenti fis-sala. Wara li tkellmu r-residenti il-Laqgħa tkompliet fejn is-Sindku qalet li l-Kunsill fis-Sitt Leġiżlatura kien diġa oġġezzjona għal tali applikazzjoni. Hi sostniet li l-Kunsill għandu jirreġistra oġġezzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar l-aktar fuq il-fatt li dan l-iżvillupp iwassal għal aktar storbju fiż-żona, tnaqqis ta' parkeġġ u l-possibilitá li jekk jinfetħu aktar stabbilimenti kummerċjali fiż-żona jinħoloq preċedent fejn ikompli jitnaqqas l-parkeġġ.

346.8.2 Il-Kunsillier Dominic Grech wera d-disaprovazzjoni tiegħu għal mod kif saret il-Laqgħa. Hu qal li l-Kunsill filwaqt li tajjeb li jisma' l-ħsibijiet tar-residenti kellu wkoll jisma' r-reazzjoni tal-applikant qabel titieħed deċiżjoni dwar jekk issirx oġġezzjoni mal-Awtorita' jew le. Hu qal li jħoss li dan l-applikant partikolari dejjem qed ikollu rifjut mill-kunsill fuq bażi politika u qal li jħoss li hemm diviżjoni ta' natura politika fil-Kunsill fejn tenna li m'għandhiex tkun.

346.8.3 Is-Sindku fakkret li l-laqgħa tal-Kunsill hija miftuħa għall-pubbliku u li r-residenti kellhom kull dritt li jattendu. Hi tenniet li l-intenzjoni tal-applikant qegħda fl-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjannar u li seta' wkoll jattendi għall-laqgħa. Is-Sindku tenniet li r-raġunijiet għaliex temmen li għandha ssir oġġezzjoni huwa minħabba parkeġġ u mhux fuq bażi politika tant li diversi residenti kienu qed iressqu lmenti fuq l-parkeġġ u storbju fiż-żona.

346.8.4 Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li ma jistax jifhem għalfejn se ssir oġġezzjoni meta ftit l-isfel minn fejn qed ikun propost dan l-iżvillupp meta kien hemm applikazzjonijiet simili ma kienx hemm oġġezzjonijiet mill-

Kunsill.

346.8.5 Il-Viċi Sindku tkellem fuq numru ta' punti tekniċi b'rabta mal-applikazzjoni fejn saħaq li wieħed għandu janalizza dak li hu sejjeħ 'residential benefit vs commercial benefit'. Hu qal ukoll li l-isseue ta tnaqqis ta' parkeġġ hi kruċjali għaż-żona filwaqt li qal li jekk dan il-proġett isir l-issue tal-istorbju u l-inkonvenjent għar-residenti tal-madwar m'hix se tibqa kwistjoni ta' weekend jew ftit ġranet imma kuljum peress li l-użu tal-bankina issa jkun permanenti.

346.8.6 Il-Kunsillier Dominic Grech qal li hu mhux f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni fil-laqgħa u talab li ssir laqgħa meta jistgħu jattendu l-Kunsilliera kollha.

346.8.7 Is-Sindku proponiet li l-kunsilliera jingħataw ftit jiem żmien biex jippreparaw dwar din l-materja u ssir laqgħa urġenti f'dik il-ġimgħa stess dwar din l-materja. Dan hekk kif d-data għall-oġġezzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjannar kienu jagħlqu l-ġimgħa ta' wara, fis-6 t'Ottubru 2017.

346.8.8 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ssir seduta apposta fuq dan is-suġġett.

**346.9 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

346.9.1 Il-Kunsillier Mark Anthony Vassallo tkellem dwar it-tilqima għall-anzjani u qal li kollox ġie kkordinat biex fl-aħħar ġranet ta' Ottubru tingħata t-tilqima b'xejn lill-Anzjani.

346.9.2 Il-Kunsillier Dominic Grech tkellem dwar *Clean up event* li saret fis-16 ta' Settembru 2017 fis-Siġġiewi fejn qal li kienet attivita' tajba u rringrazzja lil kul min ħa sehem.

**346.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

346.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku ppropona li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill.

346.10.2 Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**346.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

346.11.1 Il-laqgħa intemmet fid-7p.m. u s-Sindku ppropeniet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 30 ta' Ottubru 2017 fis-7.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 30 ta' Ottubru 2017.

| | |
|---|---|
| Dr Alessia Psaila Zammit | Keith Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |